Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott il-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 08/11. | tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 |
| Data | 06/10/2011 fis-6.20pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Attendenza | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | | Camilleri Claude | Skużat |
| | | Darmanin Richard | Preżenti sas-7.50pm |
| | | Fenech Stephanie | Assenti |
| | | Hales Joseph | Preżenti |
| | | Pace Darrell | Preżenti mis-7.30 il-quddiem |
| | | Seychell Anthony | Preżenti |
| | | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |
| Preżenti wkoll | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistant Principal Joanne Muscat | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **08.** | **1.** | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 1. | 1 | | | **Il-Minuti 07/11 inqraw mis-Sindku u wara li saru il-korezzjonijiet meħtieġa, ġew approvati nem.com. Il-minuti wara ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | |
| | | | 07.2.5 | Anthony Seychell | Minflok €89 tinqara €98 | |
| | | | 07.2.7 | Sindku | Flok Gnien San Girgor jitnizel Gnien Luqa Briffa | |
| | | | 07.3.15 | Vici Sindku | Flok minghand Geatu Mercieca jitniżżnu l-kliem ' Laqgha dwar l-estensjoni tal-Power Station f'Delimara fuq stediena mill-Enemalta' | |
| **08.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 2. | 1 | 07.2.7 | Viċi-Sindku - Użu tal-Ġnien għal tieġ | Il-Viċi Sindku saqsiet kemm ser ikun il-ħlas għal l-użu tal-Ġnien. Hawn hekk is-Segretarjat informa li għal laqgħa mal-koppja kien hemm preżenti ukoll il-Kunsillier Joe Hales fejn intalab total ta' €100 ( €50 depożitu li dawn diġa tħallsu u €50 ser jitħallsu qabel it-tieġ ). Is-Sindku hawn hekk irakkomanda sabiex jiġi użat Ġnien il-Kmandant u mhux Ġnien ~~Luqa Briffa~~ San Girgor, għax fakkar li Ġnien ~~Luqa Briffa~~ San Girgor irid jibqa aċċessibli għal pubbliku.Is-segretarjat nforma li l-koppja huma nfurmati b'dan u ser jinfurmaw l-Kunsill liema parti tal-Ġnien ser juzaw aktar 'l quddiem. | Segretarjat / Sindku / Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2. | 2 | | 07.3.8 | Sindku - White Paper fuq is-swieq fil-beraħ | Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar t-Tnejn 3 t'Ottubru kien hemm laqgħa dwar is-swieq fil-beraħ mal-AKL. Għal din il-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Richard Darmanin. Ingħatat spejgazzjoni tal-punti ewlenin li taqjmu waqt din il-laqgħa, li kienu l-indafa, l-amministrazzjoni tas-suq u l-finanzi meħtiega ,is- sostituti tal-bejjiegħa ( li jridu bil-forsi ikunu familjari), lt-tqassim tas-suq f'sezzjonijiet ecc. Il-Kunsillier Richard Darmanin propona li l-waiting list preżenti għandha tiġi aġġornata iktar frekwenti u tiġi ppublikata. Is-Sindku inkariga lis-Sur Richard Darmanin biex flimkien ma' gwardjan lokali jagħmel spezzjoni tas-suq biex il-Kunsill ikollu stampa ċara ta' x'qed jiġri fis-suq. Fil-prezent il-Kunsill ghadu qieghed jistenna l-minuti tal-laqgha msemmija. | Sur Richard Darmanin |
| 08. | 2. | 3 | | 07.3.9 | Viċi Sindku - Departiment tal-VAT | Il-Viċi Sindku saqsiet jekk kellniex xi risposta mingħand id Dipartiment tal-Vat. Is-Segretarjat informa lil Kunsill li r-risposta li ħa kienet li jekk entita tkun qed tagħmel attivita' kummerċjali, din għandha jkollha -numru tal-VAT. | Segretarjat |
| 08. | 2. | 4 | | 7.11.3 | Sindku - Arriva | Is-Sindku informa lil Kunsill li minn nhar il-Ħadd li għada bdiet rotta ġdida 210 kull siegħa li kellha tkun għal l-isptar li fil-fatt qiegħda tieqaf fejn l-Universita u mhux l-isptar. Minn informazzjoni li għandna jidher li l-isptar ma jiflaħx iktar vetturi tal-linja u għalhekk ma hemmx altenattiva. Inġibdet l attenzjoni wkoll rigward ir-rotta 84 li tagħdi kull siegħa fil-'*peak time*' din mhux qed tkun bżżejjed. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li kien hemm laqgħa mal-Arriva l-Ħamis 6 t'Ottubru fejn kienu preżenti ukoll il-Kunsill Lokali ta' l-inhawi fejn tressqu l-problemi ta' kull lokalita. Ġie mwiegħed li sas-6 ta' Novembru Ġebel San Martin u l-parti t'isfel taż-Żejtun ser ikun milħuq mill-Arriva. | Sindku / Segretarjat |
| | | | | | | Hawnhekk is-Sur Joe Hales ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill għal fatt li hemm problema bl-istudenti tal-Junior College u l-MCAST u li ħafna nies qed ikollhom diffikulta għaliex ir-rotta 84 ma tgħaddix minn fejn il-Polyclinic. Is-Sur Richard Darmanin irrimarka li meta tfasslet ir-rotta l-antika xi 15 -il sena ilu kienet tajba ħafna u li Żwieten kienu kuntenti biha ferm. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 2. | 5 | | 7.11.4 | Viċi-Sindku - Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-attivita Żejt iż-Żejtun kienet suċċess akbar mis-snin ta' qabel u li fil-fatt l-għada stess mill-Ministeru faħħru ħafna l-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Infurmat ukoll li nhar it-Tnjen 10 t'Ottubru fis-7.00pm ser isir laqgħa għal kull minn ħa sehem f'Żejt iż-Żejtun. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li mis-sena li ġejja ser isir kontroll fuq il-prezzijiet tal-prodotti li jinbiegħu peress li ġie rapurtat li ċertu prezzijiet kienu għoljin fern. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll i li instabu neqsien 8 strippi tal-MTA, 24 siggu u 2 mwejjed. Dan mhux aċċettabli u għaldaqstant mis-sena li ġejja il-bejjiegħa ser jintalbu jipprovdu l-imwejjed huma stess Il-Kunsilliera Lisa Wille Piscopo resqet is-suġġeriment biex għal darb'oħra jizzdiedu l-bins u jiġu provduti ngwanti tal-plastik għal waqt it-tqassim tal-ħobż. Il-Viċi Sindku minn naħa taħħa issuġġeriet li jiżdiedu l-mobile toilets. Il-Kunsillier Joe Hales irringrazzja lis-Sindku u l-Viċi Sindku tal-ħidma tagħhom waqt Żejt iż-Żejtun. | Viċi-Sindku |
| 08. | 2. | 6 | | 07.3.5 | Sindku - Skema Playing Fields | Is-Sindku talab lis-segretarjat sabiex Iniktbu lid-Dipartiment sabiex jagħdulna r-rapport fuq il-playing fields għaliex l-iskema tagħlaq fit-28 t'Ottubru. | Segretarjat |
| 08. | 2. | 7 | | 07.3.11 | Sindku - Skema Proġetti speċjali | Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-proġett propost inizjalment skond l-istima tal-perit ser jiswa madwar €180,000 u għaldaqstant mhux possibbli li jsir permezz ta l-iskema progetti speċjali. Is-Sindku spjega li għaldaqstant ser jiġi propost li ssir replika ta' pompa antika f'Misraħ ir-Reppublika Hawn hekk il-Kunsillier Anthony Seychell talab sabiex isir konsultazzjoni man-nies li jużaw il-Misraħ. Ġie deċiż sabiex napplikaw għal din l-iskema kif propost. | Sindku / Segretarjat |
| 07. | 2. | 8 | | 07.4.1 | Sindku - Child Day Care Centre | Is-Sindku informa lil Kunsill li Charlton's Installation lesta mix-xogħol tiegħu fiċ- Child Day Care Centre, u fadal biss dettalji zgħar li jissolvew f'qasir żmien. | Sindku / Segretarjat |
| 08. | 2. | 9 | | 07.9.1 | Sindku - Tender 07/11 Titjieb fil-Binjiet ta' Ħal Tmiem | Is-Sindku informa lil Kunsill li ġiet avviċinata il-persuna li tefa' l-offerta l-aktar vantaġġjuza sabiex inaqqas l-offerta tiegħu sostanzjalment biex jintlaħqu l-miri finanzjarji stabbiliti mill Awtorita' tad-Djar. Il-pass li jmiss huwa li ssir laqgħa ma' l-Awtorita tad-Djar sabiex jintlaħaq ftehim. | |
| | | | | | **Hawn hekk saret sospensjoni tal-agenda proposta mill-Viċi Sindku u s-sekondata mill-Kunsilliera Lisa Wille Piscopo biex nagħdu għat-Tender tal Kiosk** | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| 08. | 3. | | | | Korrispondenza | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/11. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| Riferenza | | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
| 08. | 3. | 1 | | 01 | MEPA | Plot vakanti għal bini fi Triq il-Bħajra, Zejtun. Il-Kunsill qabel nem.com li dan isir. | |
| 08. | 3. | 3 | | 04 | DLG - Malta Community Chest Fund | Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l- Kunsill qiegħed jiġi mitlub sabiex intlleghu attivitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. | |
| 07. | 3. | 4 | | 06 | DLG - Administration fee | Is-Sindku informa lil Kunsill bit-tibdil li qiegħed iseħħ sabiex mill-kumitat konġunt jitwaqqaf u jitħaddem ir-Reggjun. Permezz ta'korripsondenza l-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsilli Lokali ser jingħatalhom 10% ta' kull pagament għal multi li jitħallsu fil-Kunsill, b'effett mill 1 ta' Settembru 2011. Is-Sindku spjega ukoll kif hemm il-ħsieb li l kuntratt tad-dwal tat-toroq ser jiġi amministrat u mħallas mir-Reġjun, iżda dan għad irid jiġi deċiż. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 5 | | 07 | DLG - Mistoqsija Paralmentari 28322 | Is-Sindku spejga li il-proġett tal PPP ser j jinkorpora b'kollox total ta' 6 toroq u ser jiġi jiswa lil Kunsill madwar €300,000. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li x-xogħol ser jibda minn Triq Bisqallin u Triq il-Lvant. | Sindku |
| 07. | 3. | 6 | | 08 | DLG - Tabella fid-daħla ta' kull playground | Is-Sindku għadda dan ix-xogħol f'idejn il-Kunsillier Joe Hales sabiex jieħu ħsieb li dawn isiru. Hawn hekk il-Viċi Sindku proponiet sabiex isiru ukoll it-tabelli bl-ismijiet ma' kull Knisja u Kappella fiż-Żejtun. | Joe Hales |
| 07. | 3. | 7 | | 10 | OPM - Bord ta' l-appell | Is-Sindku qara is-sentenza tal-Bord tal-Appell rigward Tender 01/11 lil Kunsill u ngħatat spejgazzjoni ta' kif is-sentenza inqatgħat favur il-Kunsill. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 8 | | 11 | Aġenzija Żgħażagħ - Programm Empowerment | Il-Kunsill qabel nem.com li jekk hemm fondi fis-sotto-kumitat rispetiv, ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dan isir. Il-Kunsill qabel nem.con. | Fenech |
| 07. | 3. | 9 | | 13 | Beland Band Club | Is-Sindku qara l-ittra li ntbghatet mis-Segretarju Anton Aquilina tal-Band Beland bħala ringrazzjament lil Kunsill tal-parteċipazzjoni tiegħu waqt l-attivita tal-Ħamis 22 ta' Settembru. Huwa feraħ ukoll lil Kunsill tas-suċċess li kiseb Żejt iż-Żejtun. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 10 | | 14 | Premijiet għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2011 | Filwaqt li s-Sindku nforma l-Kunsill bil korrispondenza mirċieva, Il-Kunsill iddeċida li dan is-suġġett jiġi diskuss aktar il-quddiem. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 3. | 11 | | 16 | C&C Projects | Is-Sindku informa lil Kunsill bl-oġġezzjoni li ressqu C&C Projects u nkariga lis-Segretarjat sabiex jirrispondi l-ittra miċieva. Is-Sindku spjega li meta tfassal il-pjan ta' triq ġew involuti r-residenti ukoll, għalhekk ma jarax li hemm kwistjoni ta' kunflitt ta' interess. | Segretarjat |
| 07. | 3. | 12 | | 17 | Kunsill Lokali M'Xlokk - Press Conference | Is-Sindku informa lil Kunsill li ser issir 'Press Conference' ġewwa M'Xlokk nhar is-Sibt 8 t'Ottubru fil-10.45am, fejn ser jiġi pprezentat rapport dwar l-impjant ta' Delimara. Kulħadd huwa mistieden sabiex jattendi. Hawn hekk is-Sindku fakkar lis-Segretarjat sabiex jagħmel kuntatt ma' Petra Bianchi sabiex tagħdilna kopja tal-minuti tal-laqgħa li saret f'Delimara. | Sindku |
| 07. | 3. | 13 | | | DLG - Allokazzjoni ta' l-aħħar kwart | Is-Segretarjat informa li permezz ta' korrispondenza ġejna nfurmati li tnaqqsu Euro 10,459 mill l-allokazzjoni ta' l-aħħar kwart ghax l 'Auditied Financial Statments' ma kienux sottomessi fil-hin. Is-Segretarju spjega li l-obbligu tal-Kunsill hu li jissottometti l-Financial Statements sal 21 ta' Frar 2011 , liema obbligu ntlahaq bħas snin preċedenti. Hawn hekk is-Segretarjat spjega dan it-tnaqqis sar minħabba li r-rapporti ma kienux awditjati fil-hin u li l-awdituri huma mqabbda mill Ufficju ta' l-awditjar u li liema awdituri l-Kunsill t m'ghandu l-ebda jedd fuqhom. Is-Segretarjat komla jispjega li kien hemm, bl-aktar mod ċar, konflitt bejn l-awditur u l-accountant u li s-segretarju nforma b'dan lid-Dipartiment kemm bit telefon u kemm b'emails f'April li għadda. Is-Segretarju spjega li ser issir ittra ta' protest lid-direttur u s-Sindku informa lil Kunsill li din il-kwistjoni ser tiġi diskussa wkoll nhar 24 t'Ottubru fil-laqgħa li ser issir ma l-Onor Chris Said. | Segretarjat |
| | | | | | | | |
| **08.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 4. | 1 | | | Tabella tal-ħlasijiet 08/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | |
| | | | | 34/35 | Hales | Il-Kunsillier Joe Hales ġibed l-attenzzjoni li flok il-kliem prezenti għandu jitnizzel Maintenance & Upkeep of Non Urban Roads | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku fakkret lis-Segretarjat sabiex jitbaxxa l-prezz tal-JP Advertising minħabba xogħol ħażin li sar fuq il-bill board ta' Żejt iż-Żejtun. Talbet ukoll sabiex il-lista ta' ħlasijiet pendenti ta' Żejt iż-Żejtun jiġu approvati għal ħlas ma' din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarjat |
| 08. | 4. | 2 | i | | | Talbiet għal Xiri 08/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | |
| | | | | | | | | |
| **08.** | **5.** | | | | | **Tender 04/11 - Pholtovoltaic Panels** | | |
| Riferenza | | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 5. | 1 | | | 07.6.1 | Sindku | Is-Sindku informa lil Kunsill li għal din it-tender kellna żewġ offerenti lil Alberta u lil Fritz Energy Ltd. Wara diskussjoni u konsultazzjoni tad-dokumenti u spjegazzjoni min-naħa tas-Segretarjat ġie deċiż li din it-tender għandha tingħata lil Alberta. Is-Sindku propona sabiex isir *contract agreement* magħhom sabiex dak li talab il-Kunsill ikun assigurat. Is-Segretarjat informa lil Kunsill li hemm €8500 grant minn skema ambjentali li ser jintuza għal dan ix-xogħol. | Segretarjat |
| | | | | | | | | |
| 08. | 6. | | | | | **Tender 06/11 - Kiri ta' KIOSK FI GNIEN SAN GIRGOR** | | |
| Riferenza | | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 8. | 6. | 1 | | | 07.8.1 | Sindku | Is-Sindku spjega kif id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadha din il-kwistjoni f'idejn id-Dipartiment tal-Kuntratti fejn dawn infurmawna li l offerenti għandhom għal darb'oħra jerġaw jissottometu offerta oħra. Hawn l-offerenti ġew imsejħa javviċinaw il-mejda bl-offerta tagħhom. L offerti infetħu b'dan ir-riżultat:- Silvio Quirolo €8050 u Angelo Cassar €6261. Wara li ttieħed il-kummenti ta' kull Kunsillier preżenti, il-Kunsill qabel nem.com li offerta għandha tingħata lis-Sur Silvio Quirolo. | Segretarjat |
| | | | | | | Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychelll informa lil Kunsill li fuq wara tal-Ġnien hemm ħajt imwaqqa u li dan għandu bżonn jitella' minħabba l-abbużi li jista' jkun hemm. Huwa talab lil Kunsill sabiex wara li jingħalaq il-kiosk, tibda isir spezzjoni tal-Ġnien biex ħadd ma jibqa ġewwa wara li dan jingħalaq. | |
| | | | | | | | | |
| 08. | 7 | | | | | Quarterly Financial Report | | |
| Riferenza | | | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| Riferenza | | | | Rif | Minghand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 7. | 1 | | | Segretarjat | Is-Segretarjat ta' spejgazzjoni fid-dettal tal-Quarterly Financial Report - April / Ġunju 2011. Ġie rrimarkat li mis-sena fil-budgets ser issir allokazzjoni separata u speċifika għall kull attivita tal-massa sabiex b'hekk ikun hemm aktar kontroll fuq l-ispiza finanzjarja li qieghed tintefaq fl-attivitajiet. | |
| 08. | 8. | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | NIL | | |
| | | | | | | | |
| 08. | 9. | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 08. | 9. | 1 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmatat lil Kunsill li bħal snin ta' qabel ser terġa tingħata t-tilqima kontra l-influenza u li dan ser isir fil-Berga taż-Żejtun nhar it-Tlieta 8 u l-Erbgħa 9 ta' Novembru 2011. | Vici-Sindku |
| 08. | 9. | 2 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li MEUSAC avviċinata waqt l-attivita Notte Bianca fuq il-proġett tfal jadottaw anzjan. Din l-idea ogbithom u ser tidahhal fil-ktieb li jmiss tagħhom. | Vici-Sindku |
| 08. | 9. | 3 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku talbet sabiex isiru pelican lights jew street humps b'zebra cross fi Triq Toni Zahra għax it-triq tant hija wisgħa' li r-residenti qed ikollhom diffikulta sabiex jaqsmu din it-triq. | Sindku |
| 08. | 9. | 4 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku proponiet sabiex isir iktar sorveljanza mill-pulizija minħabba droga fl-inħawi taż-Żejtun Red Stars bejn is-Sibt u l-Ħadd filgħodu u fi Ġnien San Girgor wara nofs in-nhar għal ħabta tal-4.00pm. Hawn hekk il-Kunsillier Joe Hales qal ukoll li għanda isir ronda ukoll fl-inħawi ta' Ġebel San Martin. | Darmanin |
| 08. | 9. | 5 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li issa f'iċ-Ċentru Arti u Artigjanat qed isiru l-korsijiet b'mod regolari. | Vici-Sindku |
| 08. | 9. | 6 | | | Viċi Sindku | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-Erbgħa li għada kellhom l-appell fuq il-kawża tal-VAT relatata ma Zejt iz-Zejtun 2010. Is-sentenza ġiet posposta ghal 11 ta' Jannar 2012. | Vici-Sindku |
| 08. | 9. | 7 | | | Anthony Seychell | Il-Kunsillier Anthony Seychell informa lil Kunsill li nhar il-21 t'Ottubru ser tiġi nawgurata l-Wirja tal-Filatelija. Peress li s-Sindku ser ikun imsiefer ser tiġi nawgurata mill-Viċi Sindku. Hawn hekk il-Kunsillier Anthony Seychell ħa l-okkazzjoni biex jirringrazzja lil ħaddiem ta' l-ETC lil Martin Cassar tax-xogħol siewi li għamel fuq it-tilari li ser jintuzaw għal wirja. | Seychell |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 9. | 8 | | | Joe Hales | Il-Kunsillier Joe Hales informa lil Kunsill li l-persuna li giet akuzata bil-qtil tal-kelb Gaia huwa wieħed mill-attendants tal-latrini fiż-Żejtun. Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex din il-persuna titneħħa miż-Żejtun. Il-Kunsill qabel nem.com | Segretarjat |
| 08. | 9. | 9 | | | Joe Hales | Il-Kunsillier Joe Hales talab permess biex izomm il-Ġnien tal-Kmandant magħluq għal tlett t'ijiem minħabba li ser isir iż-żbir tas-siġar. Il-Kunsill qabel nem.com. | Hales |
| | | | | | | | |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa 10.20pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru, 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m. | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| Joe Attard | | | | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | | | | Segretarju Eżekuttiv | |